MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 29

It-Tnejn, 12 ta' Diċembru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar il-Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjorina Leanne Grech (LG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Herman Schiavone (HS) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Membri tal- Pubbliku: | (0) |

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Is-Sinjorina Amanda Vella — Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

### 29.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

29.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

### 29.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

29.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

29.2.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal materja 28.2.2.1 u talab li l-inizjali HS jiġi sostitwit bil-inizjali SZ. Il-Kunsill qabel unanimament.

29.2.1.2. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LG favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'29.2.1. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

29.2.2. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.2.2, li tirrigwarda żona biswit il-grawnd fi Triq il-Port Ħieles, in-naħa li tiġi wara l-lasta u saqsa jekk saritx it-talba lil Transport Malta sabiex jikkonkludu l-iżvilupp.

29.2.2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li saret it-talba u l-Perit Micallef ikkonferma li ser iżur is-sit sabiex isiru l-verifiki.

29.2.3. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.2.4 li tirrigwarda l-kontenitur għar-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ u qal li t-tpoġġija tat-tieni kontenitur ħalla riżultat pożittiv.

29.2.4. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.2.5 li tirrigwarda bozza fi Triq id-Dar tal-Pultu u informa li nxtegħlet.

29.2.5. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.2.6.1 u innota li Triq tal-Ġebel u tal-Papa kienu t-toroq inklużi. Huwa żied jgħid li hemm ukoll toroq oħra fosthom Triq il-Musbieħ għandha bżonn ukoll manutenzjoni. Il-Kunsillier JB żied Triq il-Bżulija.

29.2.6. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.4.1.1. u kjarifika li parti miż-żona imsemmija, hemm ukoll trejqa, u possibbilment, din il-parti mhijiex privata. Għaldaqstant ikun aħjar li jinġabu iktar dettalji.

**NB 5.38 p.m. Il-Kunsillier HS talab li jkun skużat.**

29.2.6.1. Il-Kunsilliera LG irrimarkat li nies li joqogħdu fit-trejqa imsemmija, qalu li ħallsu għas servizzi.

**NB 5.40 p.m. Il-Kunsillier HS reġa attenda għal-laqgħa.**

29.2.7. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.4.4.1 li tirrigwarda dwal tat-triq fi Triq F.M. Ferretti. Huwa qal li grazzi għas-Sindku sar dan ix-xogħol mhux mill-finanzi tal-Kunsill.

29.2.7.1. Is-Sindku qal li hemm fejn jitwaħħlu bejn wieħed u żewġ arbli fl-ewwel parti, u liema xogħol ser isir fil-futur qarib.

29.2.8. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għall-materja 28.4.8 u xtaq jippreċiża li huwa jaqbel mal-memos interni, fejn jidħlu deċiżjonijiet operattivi, jew ta' ftit importanza.

## 29.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

29.3.1. Ma kienx hemm komunikazzjonijiet imressqa.

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

29.4.1. Il-Kunsillier HS għamel referenza għar-rapport dwar l-istudju tal-ħsejjes tal-Freeport li tpoġġa fuq il-mejda tal-Parlament. Huwa informa li huwa ċar li l-problema ilha għaddejja u l-Kunsill diġà ilu jaħdem fuqha bl-għajnuna tal-Perit Cacopardo. Ir-rapport jindika wkoll li sors tal-problema tal-ħoss huma il-ġeneraturi tal-elettriku tal-vapuri. Huwa saqsa dwar il-possibbilità li l-Kunsill jitlob li ssir infrastruttura tal-elettriku diretta mill-Power Station sal-Freeport, issa li ser ikollna Power Station ikbar, u b'hekk tkun qed tittaffa l-problema.

29.4.1.1. Is-Sindku informa li diġà tkellem mal-Ministru responsabbli, biex jingħata kumpens lejn ir-residenti ta' Birżebbuġa, billi jsir cable mill-

Power Station lejn Freeport. Huwa qal li l-Ministru wegħdu li din ser tkun prijorità.

29.4.1.2. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-attitudni tal-Freeport versus il-Kunsill hija attitudni tajba, li turi sens ta' kooperazzjoni.

29.4.1.3. Il-Kunsillier SZ irrimarka li apparti miżuri long term, hemm miżuri short term li l-Freeport jista' jieħu sabiex jittaffew il-problemi. Il-Kunsillier JB irrimarka li tali miżuri bdew jittieħdu, infatti tnaqqset il-*light pollution*.

29.4.1.4. Il-Kunsillier HS irrimarka li tali miżuri, m'għandhomx ikunu a' skapitu tal-Planning Gain imposta mill-MEPA reċentement.

29.4.1.5. Il-Kunsillier SZ irrimarka li l-Vapur RO-RO għadu jidħol, u l-vetturi joħorġu mill-entratura ta' Wied ix-Xoqqa. Dan m'għandux impatt fuq Birżebbuġa, madankollu, jekk dan id-dħul jew ħruġ isir mill-entraturi l-oħra ta' ħdejn ir-rawndabawt, dan ikolli impatt negattiv, u għaldaqstant, f'każ li jkun ser isir dan, il-Kunsill għandu joġġezzjona għax joħloq konġestjoni ta' traffiku.

29.4.2. Il-Kunsilliera JBD staqsiet lis-Sindku dwar it-trasport pubbliku fil-Qajjenza u rrimarkat li minħabba xogħlijiet li qed isiru, jista' tinħoloq konġestjoni. Hija ssuġġerit li jsir devjazzjoni tat-traffiku.

29.4.2.1. Is-Sindku informa li bħalissa qed jopera mingħajr problemi, u għaldaqstant huwa mhuwiex tal-opinjoni li jsiru devjazzjonijiet għax tinħoloq iktar konfużjoni.

## 29.5 Rapporti

29.5.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 29.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

29.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

## 29.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

29.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 11/16 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1 )

29.7.1.1. Il-Kunsillier SZ għamel referenza għal Pagament Numru 39, u staqsa jekk is-siġar mixtrija humiex parti mill-pakkett ta sponsorship tal-Freeport.

29.7.1.1.1. Is-Segretarju ikkonferma li huma parti mill-pakkett.

29.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier SZ u ssekondata mill-Kunsillier HS, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija bir-riżultat ikun favur unanimament.

29.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-Petty Cash għal Ottubru (Anness Dok A2) u Novembru 2016 (Anness Dok A3) , li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier HS u ssekondata mill-Kunsillier LG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapporti imsemmija bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 29.8 Mozzjonijiet;

29.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet riċevuti sad-data tal-għeluq, skont Kapitlu 363. Skeda 6 (Ordnijiet Permanenti), Artikolu 7 28/1

## 29.9 Siġġu Vakanti ta' Kunsillier

29.9.1. Is-Sindku informa li l-proċess tan-nomina għadu ma ġiex magħluq u għaldaqstant talab li dan jitpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 29.10 Applikazzjonijiet tal-Ippjanar

29.10.1. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-applikazzjoni tal-iżvilupp, PA/07007/16, li tirrigwarda tqegħid ta' Dodgem Luna Park fix-xhur tas-sajf.

29.10.1.1. Għaldaqstant il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni, ssekondata mill-Kunsillier HS , favur l-applikazzjoni bil-kundizzjoni li l-Kunsill iżomm id-dritt, li f'każ ta' xi żvilupp jew proġett fiż-żona, l-applikant iżarma wara li jingħata avviż ta' ġimagħtejn., bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 6 (JBD, HS, JC, JB, LG, SZ) |
| Kontra | 0 |
| Astensjonijiet | 0 |

29.10.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq l-applikazzjoni tal-iżvilupp, PA/07023/16 li tirrigwarda prinċipalment bini ta' gabbana u outdoor gym żgħir, fi spazju pubbliku ġo nofs il-Bajja s-Sabiħa.

29.10.2.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni favur l-oġġezzjoni għal tali applikazzjoni, minħabba li l-Kunsill dejjem kien kontra tali gabbani, u minħabba li fiż-żona imsemmija, hemm approvat proġett tal-Kunsill, ssekondata mill-Kunsillier SZ, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 6 (JB, SZ, JC, LG, JBD, HS) |
| Kontra | 0 |
| Astensjonijiet | 0 |

29.10.3. Il-Kunsillier JB ġibed l-attenzjoni fuq applikazzjoni PA/06929/16 li tirrigwarda żvilupp / sanzjonar ta' bini, landscaping, żvilupp ta' parkeġġ temporanju ta' vetturi kbar u *cladding* ta' xatba, fi propjetà privata fuq art ODZ.

29.10.3.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel la darba tkun konfermi mal-policies tal-ODZ, ma hemmx oġġezzjoni.

## 29.11 Proġett Skate Park

29.11.1. Is-Sindku ressaq il-kuntratt propost mill-President's Trust li jirrigwarda l-proġett tal-iskate park.

29.11.1.1. Il-Kunsilliera LG ressqet mozzjoni sabiex il-Kunsill jiffirma l-Kuntratt li possibbilment jinkludi l-klawsola li f' każ ta deċiżjoni, kull rappreżentant ikollu vot wieħed, issekondata mill-Kunsillier HS, bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 29.12 Tismija ta Toroq

29.12.1. Is-Sindku informa li l-Kumitat tat-Tismija ta' Toroq ma approvax it-talba tal-Kunsill rigward it-tismija ta Triq Wied il-Klima u Trejqet ir-Raħħala, u approva it-talba għal Triq Ta' Mose, u Triq Dun Karm Bugelli.

29.12.1.1. Il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni sabiex it-Triq il-Ġdida fi Triq tal-Ġebel tingħata l-isem ta' Triq in-Narċis, issekondata mill-Kunsilliera LG, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 29.13 Offerti Pubbliċi

29.13.1. B'referenza għall-kwotazzjonijiet pubbliċi BLC/Q/6/2016 - għal Servizz ta Trasport, Is-Sindku informa li l-Kumitat tal-offerti evalwa d-dokumenti addizzjonali mitluba.

29.13.1.1. Il-Kunsillier JB iddikjara li kellu konflitt t'interess.

29.13.1.2. Il-Kunsilliera JBD ressqet mozzjoni sabiex il-Kunsill jagħżel l-irħas kwotazzjoni sottomessa u konformi mar-rekwiżiti kollha mitluba, jiġifieri dik ta' Faith Garage, ssekondata mill-Kunsillier HS, bir-riżultat ikun:

| | |
|---|---|
| Favur | 5 (JBD, HS, JC, LG, SZ) |
| Kontra | 0 |
| Astensjonijiet | 1 (JB) |

29.13.2. Is-Sindku informa li l-Bord tal-evalwazzjoni ikkonkluda r-rapport tal-Offerta BLC/T/5/2016 – Polza ta Assikurazzjoni. Huwa informa li kien hemm offerta waħda riċevuta, minn Island Insurance Brokers.

29.13.2.1. Il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova r-rapport tal-Bord tal-għażla, u l-offerta tingħata lill-Island Insurance Brokers., issekondata mill-Kunsilliera JBD, bir-riżultat ikun favur unanimament.

29.13.3. Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt eżistenti taż- Żamma ta' Latrini Pubbliċi.

29.13.3.1. Is-Segretarju spjega li hemm bżonn jibda x-xogħol fuq id-dokument tal-offerta. Huwa irrimarka li bil-ħinijiet u bin-numru ta' assistenti preżenti, huwa stmat li t-tender jiżdied konsiderevolment u għalhekk il-Kunsill irid jikkunsidra l-opzjonijiet kollha.

29.13.3.2. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li jiġi abbozzat dokument fejn jintalab assistent wieħed bejn iż-żewġ latrini, u ftuħ u għeluq fil-ħinijiet eżistenti.

## 29.14 Estimi Annwali

29.14.1. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega r-rapport.

29.14.1.1. Is-Segretarju spjega fid-dettalji tad-dħul finanzjarju u l-ħruġ ta' spejjeż rikorrenti. Huwa fakkar li l-Kunsill għadu ma jistax iwettaq proġetti ta' natura kapitali.

29.14.1.2. Il-Kunsill qabel mal-abbozz preżentat, u li għandu jiġi mressaq għad-diskussjoni mal-pubbliku fil-laqgħa annwali tal-lokalita'.

## 29.15 Balance Sheets

29.15.1. Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-Balance Sheets tal-Kunsill Lokali, għax-xhur t' Ottubru u Novembru 2016, liema rapporti ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa, u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

29.15.1.1. Il-Kunsill innota li matul kull xahar, il-Kunsill qed jagħmel progress kostanti fil-qagħda finanzjarja tiegħu.

29.15.1.2. Il-Kunsillier HS ressaq mozzjoni , ssekondata mill-Kunsilliera JBD, favur l-approvazzjoni tal-balance sheets tax-xhur ta' Ottubru u Diċembru bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 29.16 Laqgħa Annwali tal-Lokalità

29.16.1. Is-Sindku informa li tali laqgħa, skont id-direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandha issir sa l-aħħar ta' Diċembru. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ssir fit-28 ta' Diċembru 2016, fil-5.00 pm, fis-Sala tal-Kunsill.

## 29.17 Ħlasijiet tal-Attendenza lill-Kunsilliera

29.17.1. Is-Sindku JC għamel referenza għaċ-ċirkolari 17/2016 tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

29.17.2. Il-Kunsill innota li f'nuqqas t' attendenza tal-Kunsillier mil-laqgħa, il-Kunsill jiddiskuti jekk n-nuqqas t' attendenza hijiex ġustifikata.

29.17.3. Il-Kunsill innota li f'każijiet fejn il-kunsillier/a ikunu morda, jew mibgħuta fuq xogħol tal-Kunsill stess jew jinqala' xi ħaġa urġenti oħra waqt il-laqgħa, mhuwiex ġust li titnaqqas mill-allowance, għax xogħol il-Kunsillier huwa matul is-sena kollha u mhux waqt il-laqgħa biss.

29.17.4. Għaldaqstant il-Kunsillier JB ressaq mozzjoni, ssekondata mill-Kunsillier SZ, sabiex, ladarba Kunsillier ikun assenti b'ġustifikazzjoni, liema ġustifikazzjoni tiġi aċċettata

mill-Kunsill, ma titnaqqasx l-allowance tal-Kunsillier relevanti bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 29.18 Talbiet għal Danni Sofferti

29.18.1. Is-Sindku ressaq ir-rapport li sar mill-Bord tal-Evalwazzjoni għal tali talbiet, fir-rigward tas-Sur Shaun Joseph Mizzi.

29.18.1.1. Is-Sindku qal li huwa tkellem mal-Ministru Manwel Mallia fuq dan il-każ u oħrajn simili, fejn il-Ministru qabel li dik it-triq m'għandix tkun tal-Kunsill, u tali talbiet għandhom jiġu mressqa lil Transport Malta.

29.18.1.2. Għaldaqstant, il-Kunsill ma qabilx li jirrimborsa lis-Sur Mizzi, iżda jibgħat it-talba lil Transport Malta.

## 29.19 Dwal Fit-Toroq

29.19.1. Il-Kunsillier SZ ressaq talba sabiex lampa eżistenti tinqala' minn ma' faċċata privata, sabiex isir xogħol ta' kostruzzjoni.

29.19.1.1. Il-Kunsillier JB irrimarka li filwaqt li hu ma għandu l-ebda oġġezzjoni għal ċaqliq ta' lampi fejn hu neċessarju, huwa qal li tali spejjeż m'għandux jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill, iżda għandhom jiġu assorbiti minn min ikun għamel it-talba.

29.19.1.2. Il-Kunsill qabel unanimanent li l-ispejjeż involuti f'tali talbiet, għandhom jiġu assorbiti minn min jagħmel it-talba, flimkien ma' depożitu u garanzija li din terġa titwaħħal fl-istess post.

## 29.20 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.20.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.20pm ta filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' Jannar 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar 2017.

| | |
|---|---|
| [Iffirmati] | [Iffirmati] |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |